2023/2170

16.10.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2170

tat-28 ta' Settembru 2023

li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, f'negozjati dwar Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li tħassar u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998 dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali (ETS Nru 172)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(2) flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Novembru 2022, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa waqqaf il-Kumitat ta' Esperti u tah mandat fuq il-ħarsien tal-ambjent permezz tal-liġi Kriminali biex sat-30 ta' Ġunju 2024 jabbozza Konvenzjoni ġdida li tħassar u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998 dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali (ETS Nru 172) (il-"Konvenzjoni l-ġdida").

(2) Il-Konvenzjoni l-ġdida hija maħsuba biex tipprevedi regoli komuni dwar l-iskop u l-kamp ta' applikazzjoni, it-terminoloġija u d-definizzjonijiet, ir-reati kriminali serji, il-persuni responsabbli u penali, id-drittijiet l-kooperazzjoni proċedurali, il-miżuri preventivi u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili. Ċerti partijiet tal-Konvenzjoni l-ġdida jaqgħu f'qasam li fil-biċċa l-kbira tiegħu hu kopert mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u l-proposta għal Direttiva ġdida li tissostitwiha. Dan jista' jwassal biex id-dritt tal-Unjoni jiġi affettwat jew li jinbidel il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu minħabba l-Konvenzjoni l-ġdida, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(3) Sabiex tiġi protetta l-integrità tad-dritt tal-Unjoni u sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-regoli tad-dritt internazzjonali u d-dritt tal-Unjoni, huwa neċessarju li l-Kummissjoni tipparteċipa fin-negozjati dwar il-Konvenzjoni l-ġdida, għal kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, kif definit mit-Trattati, u li fir-rigward tagħhom l-Unjoni adottat regoli jew li l-adozzjoni tagħhom mistennija fil-futur qarib.

(4) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kif definit mit-Trattati, għall-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fin-negozjati fuq kwistjonijiet li jaqgħu 'l barra mill-mandat mogħti lill-Kummissjoni, u għal kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti għall-konklużjoni tal-Konvenzjoni l-ġdida.

(5) Id-direttivi ta' negozjati li jinsabu fl-addendum għal din id-Deċiżjoni huma indirizzati lill-Kummissjoni u jistgħu jiġu riveduti u żviluppati aktar jekk xieraq skont l-evoluzzjoni tan-negozjati.

(6) Fid-dawl tal-fatt li l-Istati Membri kollha huma wkoll Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, jenħtieġ li l-Istati Membri li jipparteċipaw fin-negozjati jappoġġaw lin-negozjatur tal-Unjoni fit-twettiq tal-kompiti li jirriżultaw mit-Trattati, f'konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali kif imsemmi fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'rispett reċiproku sħiħ.

(7) F'konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib matul il-proċess ta' negozjar, inkluż permezz ta' kuntatt regolari mal-esperti tal-Istati Membri u r-rappreżentanti tagħhom fi Strasburgu.

[1] Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

(8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(9) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tipparteċipa f'isem l-Unjoni, f'negozjati fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, kif definiti mit-Trattati, u li fir-rigward tagħhom l-Unjoni adottat regoli jew l-adozzjoni tagħhom hija mistennija fil-futur qarib, fuq il-Konvenzjoni l-ġdida dwar il-ħarsien tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali li tħassar u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-1998 dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali (ETS Nru 172).

2. In-negozjati għandhom jitmexxew abbażi tad-direttivi ta' negozjati li jinsabu fl-addendum għal din id-Deċiżjoni Il-Kunsill jista' sussegwentement joħroġ direttivi addizzjonali lill-Kummissjoni.

Artikolu 2

In-negozjati għandhom jitwettqu f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali (il-"Grupp ta' Ħidma COPEN"), li huwa b'dan maħtur bħala l-kumitat speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-Grupp ta' Ħidma COPEN dwar il-progress tan-negozjati u għandha tibgħatlu d-dokumenti kollha tan-negozjati malajr kemm jista' jkun.

Meta tintalab hekk mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar it-tmexxija u l-eżitu tan-negozjati, inkluż bil-miktub.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
F. GRANDE-MARLASKA GÓMEZ